**MINUTI**

**Minuti tal-55 Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qrendi**

**It-tmien leġiżlatura**

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi ltaqa' fl-uffiċċju tal-Kunsill 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar it-Tlieta 25t'April 2023, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI

Is-Sindku David Schembri MQR
Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja
Il-Kunsillier Daniel Farrugia
Il-Kunsillier Charles Zerafa

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skond Ordni Permanenti 14A(3))

Il-Kunsilliera Marion Parnis

UFFIĊJAL

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Ritienne Giorgino

**Minuti**

*Is-Sindku preseda l-laqgħa.*

**55.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**55.1.1** Inqrat l-ittra t'apoloġija tal-Kunsilliera Marion Parnis.

**55.2** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

**55.2.1** Il-Minuti tal-54 laqgħa ġew ikkunsidati bħala moqrija.
Inġibdet l-attenzjoni rigward item 54.3.1 għandha taqra 'Ħallew' flok 'Wied Ħal Luq'.

**55.2.2** Il-Kunsillier Daniel Farrugia propona l-approvazzjoni. Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda. Il-Minuti ġew approvati bħala dokument korrett.

**55.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**55.3.1** Is-Sindku informa b'diversi attivitajiet mill-aħħar Seduta sal-lum.
Fil-21 ta' Marzu 2023 attenda għal attivita' ta' tħawwil ta' siġar mal-istudenti tal-Iskola San Benedittu. Dawn is-siġar u arbuxelli kienu mogħtija mill-HSBC lir-Reġjun Punent u mill-Aġenzija MOVE.

**55.3.2** Fl-24 ta' Marzu, is-Sindku flimkien mal-impjegati tal-Kunsill attendew għal kors tal-ewwel għajnuna organizzat mir-Reġjun.

**55.3.3** Fit-30 ta' Marzu saret żjara mill-Ambaxxatur tar-Renju Unit f'Torri Xutu fejn kien hemm wirja dwar il-familja Rjali

**55.3.4** Fil-31 ta' Marzu attenda għaċ-ċelebrazzjoni ta' premijiet minn MASP fejn is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena rebaħ il-premju għar-restawr.

**55.3.5** Reġa saret laqgħa mad-Dipartiment tax-xogħolijiet fil-5 t'April rigward ix-xogħolijiet fil-Pjazza (Triq Rokku Buhagiar)

**55.3.6** Saret ukoll il-laqgħa mensili mal-Pulizija tal-Komunita' fejn ġew diskussi diversi issues.

**55.3.7** Il-vjolinista Sanwel Cutajar avviċina il-Kunsill għal possibilta ta' kunċert fil-lokalita'. Is-Sindku qal li qed jistħarreġ il-possibilta' għal finanzjament minn fondi kulturali.

**55.3.8** Is-Sindku qal li intbagħtu change request forms għal estensjoni tal-proġetti taħt Miżuri M1 u M2.

**55.3.9** Is-Sindku qal li applika għas-sħubija ta' 'Building Europe with Local Councillors' fejn kull membru elett jista jsemma leħnu fl-ewropa f'attivitajiet ta' networking.

**55.3.10** Is-Sindku informa li s-site ropost biex titpoġġa l-magna tal-BCRS ma ġiex approvat. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera jressqu suġġerimenti dwar siti alternattivi.

**55.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**
Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**55.5** **Tenders**

**55.5.1** Is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv tispjega.
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li sar l-iffirmar tal-Kuntratti *Concrete imprint works in various alleys at Qren*di - QLC 3/22 u *Patching of roads in a resource efficient manner which considers wider environmental impacts, in the locality of Qrendi* - QLC 4/22 u il-garanzija bankarja ġiet riċevuta wkoll. F'dan l-istadju, għandha ssir laqgħa mal-kuntrattur u jista' jinbeda x-xogħol.

**55.5.2** L-evalwazzjoni tat-tender *The supply, delivery, installation and commissioning of one (1) passenger lift at Qrendi Local Council* - QLC 2/22 ġiet finalizzata wkoll skond ir-rapport tekniku tal-inġinier u qiegħed fil-perjodu ta' appellar.

**55.5.3** Għad hemm problema għall-evalwar tat-tender *Service tender for street sweeping and cleaning within the locality of qrendi in an environmentally friendly manner using low emission service vehicle* Ref. QLC6/22 minħabba diffikultajiet tekniċi fis-sistema etenders. Ġie kkuntattjat id-Dipartiment tal-Kuntratti fejn qed nistennew gwida biex inkunu nistgħu nipproċedu.

**55.5.4** Sadattant, inbeda l-proċess biex jiġu ppublikat dawn it-tenders:

- *Supplies - provision and maintenance of traffic signs and road markings for the Qrendi Local Council in an environmentally friendly manner* QLC3/23
- *Tender for the professional services of an architect to the Qrendi Local Council* QLC1/23
- *Tender for the provision of legal services for the Qrendi Local Council* QLC2/23

**55.6** **Proġett Ċentru Ċiviku**

**55.6.1** Is-Sindku qal li wara diveri laqgħat mal-Perit rigward il-proġett, huwa stmat li biex il-binja tingħalaq tiswa mat-€300,000. Is-Sindku qal li ġew mistħarrġa diversi għażliet fosthom, li l-prpett jinqasam f'fażijiet, li jiġi finalizżat il-playing field, li jitlesta l-playing field u l-binja tingħalaq. Is-Sindku qal li sar elenku tal-fondi kollha kommessi li hemm bħalissa għal dan il-proġett. Is-Sindku qal li kiteb lid-Direttur Ġenerali rigward il-possibilita' ta' self iżda għad ma kien hemm l-ebda risposta. Għalhekk, propona li għalissa jintużaw il-fondi li diġa committed fuq il-proġett ħalli fil-frattemp il-Kunsill jilħaq jara possibiltajiet ta' finanzjamenti ulterjuri. Is-Sindku qal li mal-eżekuzzjoni tax-xogħol, jinqalgħu anka spejjeż ġodda bħal dak tal-arloġġ tad-dawl li qiegħed skonness u hemm spiża ta' €3000.

**55.6.2** Is-Sindku propona wkoll li f'dan l-istadju, il-fondi allokati għal lift jiġu trasferiti fuq xogħol ieħor peress li biex jiġi installat il-lift triq issir l-istruttura għal taħtu u allura għalissa mhux possibbli li jsir.

**55.6.3** Is-Sindku qal ukoll li fuq parir tal-perit, it-tender tal-proġett għandu jinħareġ bħala turnkey biex ikun tender wieħed, iżda maqsum item item.

**55.7** **Skema SPI/SCI/01/2023 - Skema għall-attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024**

**55.7.1** Is-Sindku talab lil Viċi Sindku jagħti dettalji. Il-Viċi Sindku qal li flimkien mal-koordinatur tal-attivitajiet li qed jaħdem fuq il-festa ta' din is-sena, sar elenku tal-ispejjeż proġettati. Hu rringrazzja l-d-Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-assistenza u qal li l-applikazzjoni ġiet finalizzata. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li l-applikazzjoni intbaġġtet u ġiet acknowledged.

**55.8** **Skema SPI/SCI/05/2023 - Fondi ta' manutenzjoni u sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali**

**55.8.1** Is-Sindku informa li m'hemm l-ebda proposta għal din l-iskema.

**55.9** **Skema SPI/SCI/02/2023- Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-Libreriji Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex.**

**55.9.1** Is-Sindku qal li l-Kunsill f'dan l-istadju m'hemmx eliġibilita' għal din l-iskema peress li qegħda fuq manutenzjoni tal-binja.

**55.9.2** Fid-dawl ta' dan, is-Sindku propona l-finanzjament ta' €1000 għal xiri ta' kotba minn fondi lokali għal-librerija. Il-Kunsill unanimament qabel ma' dan.

**55.10** **Skema SPI/SCI/03/2023 - The World Clean Up Campaign 2023**

**55.10.1** Is-Sindku qal li m'hemm l-ebda proposta għal din l-iskema.

**55.11** **Skema SPI/SCI/04/2023 - Skema finanzjarja- komunitajiet aktar siguri u organizzati**

**55.11.1** Is-Sindku qal li hemm pjanata laqgħa mal-Pulizija tal-Komunita' fejn ser jiġi diskussi proposti taħt din l-iskema, fosthom mezzi ta' transport għal pulizija.

**55.12** **Festival tal-Patata**

**55.12.1** Is-Sindku talab lil-Viċi Sindku jagħti dettalji .

**55.12.2** Il-Viċi Sindku preżenta elenku ta' stimi dettaljati tal-attivita'. Hu qal li talab l-għajnuna tal-Ministeri tad-Distrett fejn offrew self ta' tined, stand tal-Aġenzija Sapport, dħul skontat għal Ħaġar Qim u għadu qed jistenna xi risposti. Huwa qal li l-ispiża totali tal-attivita' tammonta għal €11,600. Il-Viċi Sindku talab li din l-attivita' tiġi injkluża fil-polza ta' assikurazzjoni annwali, anka peress li kemm l-assikurazzjoni u anka r-risk assessment huma rekwiżiti obbligatorji għal kull attivita'. Il-Viċi Sindku qal li l-line up tal-varjeta huwa finalizzat ukoll. Huwa saqsa rigward armar ta' kiosks għal bejgħ. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv wieġbet li dawn jintramaw b'permess mill-Kunsill skond l-avviż legali u hemm ħlas ta' €23.29. Il-Viċi Sindku elenka wkoll lista ta' programmi fejn ser issir publiċita tal-attivita'.

**55.12.4** Is-Sindku rringrazja tal-koordinament u l-aġġornament.

**55.13** **Proposta għal kunċert bil-vjolin**

**55.13.1** Is-Sindku informa li tlett żgħażagħ Olandiżi proponew li jsir kunċert il-Qrendi. Is-Sindku qal limkiteb lill-Ministeru tal-Kultura rigward finanzjament iżda għad qed nistennew risposta.

**55.14** **Vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv - Interviews**

**55.14.1** Is-Sindku informa li s-Segretarju Eżekuttiv taż-Żurrieq li ġiet proposta biex tkun membru tal-bord m'aċċettatx minħabba kunflitt. Is-Segretarju Eżekuttiv ta' Ħal Kirkop bagħtet l-aċċettazzjoni. Is-Sindku propona li jinħatar membru ieħor fil-bord li jkun indipendenti. Il-Kunsillunanimament approva u għalhekk il-Bord ser ikun iffurmat mis-Sindku, Kunsillier, is-SE ta' Ħal Kirkop, il-persuna indipendenti u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv baħala ex-officio.

**55.15** **Items oħra ta' xogħol li jkun meħtieġ**
Ma kienx hemm items oħra.

**55.16** **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

**55.16.1** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku propona l-approvazzjoni. Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda. Il-Kunsill unanimament approva l-iskeda tal-pagamenti kif preżentata.

**55.17** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

**55.17.1** Il-laqgħa intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija.

**55.17.2** Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 29 ta' Mejju 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 29 ta' Mejju 2023

David Schembri MQR
Sindku

Ritienne Giorgino
Deputat Segretarju Eżekuttiv